

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww i ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/354/PESK**

**tat-3 ta' Lulju 2013**

**dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)**

(ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/447/PESK tad-9 ta' Lulju 2014	L 201	28	10.7.2014
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1064 tat-2 ta' Lulju 2015	L 174	21	3.7.2015
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1108 tas-7 ta' Lulju 2016	L 183	65	8.7.2016
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1194 tal-4 ta' Lulju 2017	L 172	13	5.7.2017
► <b><u>M5</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/942 tad-29 ta' Ġunju 2018	L 166	17	3.7.2018
► <b><u>M6</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1114 tat-28 ta' Ġunju 2019	L 176	5	1.7.2019
► <b><u>M7</u></b>	Deċiżjoni Tal-kunsill (PESK) 2020/902 tad-29 ta' Ġunju 2020	L 207	30	30.6.2020
► <b><u>M8</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1066 tat-28 ta' Ġunju 2021	L 229	13	29.6.2021
► <b><u>M9</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1018 tas-27 ta' Ġunju 2022	L 170	76	28.6.2022

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 287, 1.10.2014, p. 32 (2014/447/PESK)

**▼B****DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/354/PESK****tat-3 ta' Lulju 2013****dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji  
Palestinjani (EUPOL COPPS)***Artikolu 1***Missjoni**

1. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani, minn hawn 'il quddiem imsejħa EUPOL COPPS, stabbilita bl-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK, ser titkompla mill-1 ta' Lulju 2013.
2. L-EUPOL COPPS għandha topera skont id-dikjarazzjoni tal-missjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2.

**▼M1***Artikolu 2***Dikjarazzjoni tal-Missjoni**

L-EUPOL COPPS għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' arranġamenti tal-pulizija sostenibbli u effettivi u arranġamenti ta' ġustizzja kriminali usa' taħt sjieda Palestinjana f'konformità mal-aqwa standards internazzjonali, f'kooperazzjoni mal-programmi tal-Unjoni għall-bini tal-istituzzjonijiet kif ukoll sforzi internazzjonali oħra fil-kuntest usa' tas-Settur tas-Sigurtà inkluż ir-Riforma tal-Ġustizzja Kriminali.

Għal dak il-għan l-EUPOL COPPS għandha:

- Tassisti lill-Pulizija Ċivili Palestinjana (PĊP), f'konformità mal-Istrateġija tas-Settur tas-Sigurtà tal-PĊP, fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku billi tagħti parir u tiggwida, b'mod partikolari lill-uffiċjali għolja fil-livelli tad-Distrett, tal-Kwartieri Ġenerali u Ministerjali,
- Tassisti, billi tagħti parir u tiggwida inkluż flivell Ministerjali, lill-Istituzzjonijiet tal-Ġustizzja Kriminali u l-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Palestinjana fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Settur tal-Ġustizzja kif ukoll il-pjanijiet istituzzjonali differenti marbutin magħha,
- Tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi parir, kif adatt, dwar assistenza u proġetti implimentati mill-Unjoni, l-Istati Membri u pajjiżi terzi relatati mal-PĊP u l-istituzzjonijiet tal-Ġustizzja Kriminali u tidentifika u timplimenta proġetti tagħha stess, f'oqsma rilevanti għall-EU COPPS u b'appoġġ għall-oġġettivi tagħha.

**▼B***Article 3***Reviżjoni**

Proċess ta' reviżjoni ta' kull sitt xhur, skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-Kunċett tal-Operat (CONOPS) u l-Pjan tal-Operat (OPLAN) u li jieħu kont tal-iżviluppi fil-post, ser iservi biex isiru aġġustamenti kif meħtieġa fid-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tal-EUPOL COPPS.



#### Artikolu 4

##### Linja ta' kmand u struttura

1. L-EUPOL COPPS għandu jkollha linja ta' kmand unifikata, bħala operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet.
2. L-EUPOL COPPS għandha tkun strutturata f'konformità mad-dokument tal-ippjanar tagħha.

#### Artikolu 5

##### Kmandat tal-Operazzjoni Ċivili

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) għandu jkun il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għall-EUPOL COPPS.
2. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS u l-awtorità ġenerali tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), għandu jeżerċita kmand u kontroll tal-EUPOL COPPS fil-livell strateġiku.
3. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jassigura, fir-rigward tat-tmexxija tal-operazzjonijiet, l-implimentazzjoni kif suppost u effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill kif ukoll tad-deċiżjonijiet tal-KPS, inkluż permezz tal-ħruġ ta' istruzzjonijiet fil-livell strateġiku kif meħtieġ lill-Kap tal-Missjoni u jipprovdi konsulenza u appoġġ tekniku.
4. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jirrapporta lill-Kunsill permezz tar-RGħ.
5. Il-persunal sekondarju kollu għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat li ssekondarju f'konformità mar-regoli nazzjonali, tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Dawk l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-Kontroll Operattiv (OPCON) tal-persunal, it-timijiet u l-unitajiet tagħhom lill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.
6. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jkollu responsabbiltà ġenerali sabiex jiżgura li d-dmir ta' diliġenza tal-Unjoni jiġi attwat korrettament.
7. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

#### Artikolu 6

##### Kap tal-Missjoni

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jassumi responsabbiltà u jeżerċita kmand u kontroll tal-Missjoni fil-post u għandu jkun direttament responsabbli lejn il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun rappreżentant tal-Missjoni. Il-Kap tal-Missjoni jista' jiddelega kompiti ta' ġestjoni fi kwistjonijiet ta' persunal u finanzjarji lil membri tal-persunal tal-Missjoni, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tiegħu/tagħha.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jeżerċita kmand u kontroll fuq il-persunal, it-timijiet u l-unitajiet minn Stati kontribwenti kif assenjati mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili flimkien mar-responsabbiltà amministrattiva u loġistika inkluż fuq l-assi, ir-riżorsi u l-informazzjoni li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Missjoni.

**▼B**

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jagħti istruzzjonijiet lill-persunal kollu tal-Missjoni, għat-tmexxija effettiva tal-EUPOL COPPS fil-post tal-operazzjoni, jassumi l-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha, billi jimxi fuq l-istruzzjonijiet fil-livell strateġiku tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili.

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju fuq il-persunal. Għall-persunal sekondar, is-setgħat dixxiplinarji għandhom jiġu eżerċitati mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew mis-SEAE.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrappreżenta l-EUPOL COPPS fiż-żona tal-operazzjonijiet u għandu jiżgura l-viżibbiltà adegwata tal-Missjoni.

7. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkoordina, kif meħtieġ, ma' atturi oħra tal-Unjoni fuq il-post. Il-Kap tal-Missjoni għandu, mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, jirċievi gwida politika lokali mir-RSUE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani b'konsultazzjoni mal-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Unjoni rilevanti.

**▼M7**

8. Is-Sur Kauko AALTOMAA għandu jkun il-Kap tal-Missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Settembru 2020.

**▼B***Artikolu 7***Persunal tal-EUPOL COPPS**

1. Il-kwantità u l-kompetenzi tal-persunal tal-EUPOL COPPS għandhom ikunu konsistenti mal-istqarrija tal-missjoni stabbilita fl-Artikolu 2 u l-istruttura stabbilita fl-Artikolu 4.

2. Il-persunal tal-EUPOL COPPS għandu jikkonsisti primarjament minn persunal issekondar mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew is-SEAE. Kull Stat Membru, istituzzjoni tal-Unjoni jew is-SEAE għandu jerfa' l-ispejjeż ta' kwalunkwe persunal sekondar minnha, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn u mill-post tal-iskjerament, is-salarji, il-kopertura medika u l-allowances, minbarra allowances ta' kuljum applikabbli, kif ukoll allowances għat-tbatija u għar-riskju.

3. L-EUPOL COPPS tista' wkoll tirrekluta persunal internazzjonali jew lokali fuq bażi kuntrattwali jekk il-funzjonijiet meħtieġa ma jkunux jistgħu jiġu provduti minn persunal issekondar mill-Istati Membri, istituzzjonijiet tal-Unjoni jew is-SEAE.

4. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti li għandhom jiġu konklużi bejn l-EUPOL COPPS u l-membri tal-persunal ikkonċernat.

5. Stati Terzi jistgħu wkoll, kif meħtieġ, jissekondaw persunal għall-missjoni. Kull Stat terz li jissekonda, għandu jgħorr l-ispejjeż relatati mal-persunal kollu sekondar minnu, inkluż salarji, kopertura medika, allowances, assigurazzjoni ta' riskju għoli u spejjeż tal-ivvjaġġar lejn u miż-żona tal-missjoni.

*Artikolu 8***Status tal-persunal tal-EUPOL COPPS**

1. Meta meħtieġ, l-istatus tal-persunal tal-EUPOL COPPS, inkluż, fejn adatt, il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tlestija u

**▼B**

l-funzjonament bla xkiel tal-EUPOL COPPS, għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim konkluż skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Istat Membru, l-istituzzjoni tal-Unjoni jew is-SEAE li jissekondaw membru tal-persunal għandhom ikunu responsabbli li jwieġbu għal kwalunkwe talba marbuta mal-issekondar, minn jew li tikkonċerna l-membru tal-persunal. L-Istat Membru, l-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata jew is-SEAE għandhom ikunu responsabbli mill-istituzzjoni ta' kwalunkwe azzjoni kontra l-persuna ssekondata.

*Artikolu 9***Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-KPS għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għal dan il-għan konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 TUE. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat sabiex jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta mir-RGħ, u sabiex jiġu emendati il-CONOPS u l-OPLAN. Din għandha tinkludi wkoll is-setgħat li jittieħdu deċiżjonijiet sussegwenti rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni. Is-setgħat tad-deċiżjoni fir-rigward tal-obiettivi u t-terminazzjoni tal-Missjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirraporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu jirċievi fuq bażi regolari u kif meħtieġ rapporti mill-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili u l-Kap tal-Missjoni dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom.

*Artikolu 10***Parteċipazzjoni ta' Stati terzi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, l-Istati Terzi jistgħu jiġu mistiedna biex jikkontribwixxu għall-EUPOL COPPS sakemm iħallsu l-ispejjeż biex jibgħatu l-persunal sekondar minnhom, inkluż is-salarji, il-kopertura medika, l-allowances, l-assigurazzjoni kontra r-riskji kbar, u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar lejn u miż-żona tal-missjoni, u jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' kuljum tal-EUPOL COPPS, kif xieraq.

2. L-Istati terzi li jikkontribwixxu għall-EUPOL COPPS għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi fil-ġestjoni ta' kuljum tal-missjoni bħall-Istati Membri.

3. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributori.

4. L-arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim konkluż f'konformità mal-Artikolu 37 TUE u arranġamenti tekniċi addizzjonali kif meħtieġ. Fejn l-Unjoni u Stat terz jikkonkludu ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dan l-Istat terz fl-operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar ta' kriżijiet, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest tal-EUPOL COPPS.

**▼ B***Artikolu 11***Sigurtà**

1. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu, f'konformità mal-Artikolu 5, jidderiġi lill-Kap tal-Missjoni fl-ippjanar ta' miżuri tas-sigurtà, u għandu jiżgura l-implimentazzjoni korretta u effettiva tagħhom mill-EUPOL COPPS.
2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għas-sigurtà tal-EUPOL COPPS u sabiex jiżgura konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbli għall-EUPOL COPPS, f'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-TUE, u l-istrumenti ta' sostenn tiegħu.
3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Għoli tas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjonali mill-qrib mas-SEAE.
4. Il-persunal tal-EUPOL COPPS għandu jingħata taħriġ obligatorju ta' sigurtà qabel ma jibda dmirijietu, f'konformità mal-OPLAN. Għandu wkoll jingħatalu taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-SMSO.

**▼ M1**

5. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiżgura l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE <sup>(1)</sup>.

*Artikolu 11a***Arranġamenti legali**

L-EUPOL COPPS għandu jkollha l-kapaċità li takkwista servizzi u provvisti, li tikkonkludi kuntratti u arranġamenti amministrattivi, li timpjega persunal, li jkollha kontijiet bankarji, li takkwista u tiddisponi mill-assi u tħallas l-obbligazzjonijiet tagħha, u li tkun parti għal proċeduri legali, kif meħtieġ sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 12***Arranġamenti finanzjarji****▼ M2**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jkun EUR 9 570 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015 għandu jkun EUR 9 820 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016 għandu jkun EUR 9 175 000.

**▼ M3**

- L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017 għandu jkun EUR 10 320 000.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

**▼ M4**

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relattiva għall-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 għandu jkun EUR 12 372 000.

**▼ M5**

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relattiva għall-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019 għandu jkun EUR 12 666 633.

**▼ M6**

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 għandu jkun ta' EUR 12 430 000.

**▼ M7**

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 għandu jkun ta' EUR 12 651 893,91.

**▼ M8**

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022 għandu jkun ta' EUR 12 600 000.

**▼ M9**

3L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023 għandu jkun EUR 11 660 000.

**▼ M2**

2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadini ta' Stati terzi għandu jkollhom permess iressqu offeriti għal kuntratti. Soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-EUPOL COPPS tista' tikkonkludi arranġamenti tekniċi ma' Stati Membri, ma' Stati ospitanti, ma' Stati terzi parteċipanti u ma' atturi internazzjonali oħrajn fir-rigward tal-provvista ta' tagħmir, servizzi u uffiċċji lill-EUPOL COPPS.

3. L-EUPOL COPPS għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha. Għal dan il-għan, l-EUPOL COPPS għandha tiffirma ftehim mal-Kummissjoni.

4. L-EUPOL COPPS għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe talba u obbligu li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-mandat li jibda mill-1 ta' Lulju 2014, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe talba relatata mal-imġiba ħażina serja mill-Kap tal-Missjoni, li għaliha għandu/għandha jkollu/jkollha responsabbiltà.

5. L-implimentazzjoni tal-arranġamenti finanzjarji għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand kif previst fl-Artikoli 4, 5 u 6 u r-rekwiżiti operazzjonali tal-EUPOL COPPS, inkluż il-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tat-timijiet tagħha.

**▼ C1**

6. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Lulju 2014.

**▼ M2***Artikolu 12a***Ċellula ta' proġetti**

1. EUPOL COPPS għandha jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti li huma konsistenti mal-oġettivi tal-Missjoni u li tiffaċilita t-twettiq tal-mandat. EUPOL COPPS għandha, kif adatt, tiffaċilita u tagħti pariri dwar proġetti, implimentati mill-Istati Membri u minn Stati terzi, taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'oqsma relatati ma' EUPOL COPPS u b'appoġġ għall-oġettivi tagħha.

▼ **M2**

2. Soġġetta għall-paragrafu 3, EUPOL COPPS għandha tkun awtorizzata li tagħmel rikors għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni u l-Istati Membri jew l-Istati terzi għall-implimentazzjoni ta' proġetti identifikati li jissupplimentaw b'mod konsistenti azzjonijiet oħra ta' EUPOL COPPS, fejn il-proġetti jkunu:

- (a) previsti fid-dikjarazzjoni finanzjarja relatata ma' din id-Deċiżjoni; jew
- (b) integrati matul il-mandat permezz ta' emenda tad-dikjarazzjoni finanzjarja fuq talba tal-Kap tal-Missjoni.

Ladarba l-Kummissjoni jew dawk l-Istati jkunu formalment ipproponew li l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom tiġi ġestita minn EUPOL COPPS, EUPOL COPPS għandha tikkonkludi arranġament mal-Kummissjoni jew dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi għat-trattament ta' kull ilment minn partijiet terzi dwar ħsara kkawżata bħala riżultat ta' atti jew omissjonijiet minn EUPOL COPPS fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

L-Istati kontribwenti fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jżommu lill-Unjoni jew lir-RGħ responsabbli għal atti jew omissjonijiet minn EUPOL COPPS fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni, l-Istati Membri jew l-Istati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-KPS.

▼ **B***Artikolu 13***Rilaxx ta' informazzjoni**

1. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, kif adatt u f'konformità mal-ħtiġijiet tal-Missjoni, informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġġenerati għall-finijiet tal-Missjoni, f'konformità mad-► **M1** Deċiżjoni 2013/488/UE ◀.

2. Fil-każ ta' ħtieġa operattiva speċifika u immedjata, ir-RGħ għandu wkoll ikun awtorizzat jirrilaxxa lill-awtoritajiet lokali kwalunkwe informazzjoni u dokument ikklassifikat tal-UE sal-livell "RESTREINT UE" ġġenerati għall-finijiet tal-Missjoni, f'konformità mad-► **M1** Deċiżjoni 2013/488/UE ◀. L-arranġamenti bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitfasslu għal dan il-għan.

3. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni u lill-awtoritajiet lokali, kwalunkwe dokument mhux ikklassifikat tal-UE marbut mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-EUPOL COPPS u li jkun kopert bl-obbligu ta' segretezza professjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

4. Ir-RGħ jista' jiddelega s-setgħat imsemmijin fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif ukoll il-kapaċità li jikkonkludi l-arranġamenti msemmijin fil-paragrafu 2 lil persuni li jinsabu taħt l-awtorità tar-RGħ, lill-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili u/jew lill-Kap tal-Missjoni.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).



▼ **B**

*Artikolu 14*

**Għassa**

Il-Kapaċità tal-Għassa għandha tiġi attivata għall-EUPOL COPPS.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2013.

▼ **M9**

Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023.